# 15

# L-Oratorju Llum u Għada

Is-sinjali ta' ħajja ġdida fl-Oratorju llum huma evidenti. Minkejja d-diffikultajiet kollha, matul l-2016 iż-żgħażagħ tal-Oratorju reġgħu saru forza viżiva fil-parroċċa u qegħdin iħallu impatt pożittiv u notevoli fl-appostolat mal-ġenerazzjonijiet il-ġodda. L-għaqda *ignite 18+* qiegħda taqdi dmirha bl-akbar ħrara u bl-aqwa entużjażmu. L-isfida tagħhom hija li jkunu magħrufa iżjed u jkunu ta' servizz mal-kotra l-kbira taż-żgħażagħ li ma jattendu ebda ċentru jew għaqda. Il-katekisti qatt ma naqsu mill-impenn tagħhom biex jibqgħu jagħtu l-aħjar formazzjoni lit-tfal u lill-adoloxxenti bi tħejjija għas-sagramenti tal-qrar, it-tqarbin u l-griżma tal-isqof. L-akbar żewġ sfidi għalihom huma li jkomplu jfiehmu lill-ġenituri tat-tfal fuq is-siwi tat-tagħlim fuq il-fidi u biex jingaġġaw katekisti ġodda biex dak li għandna llum jissokta għada u pitgħada. L-attività teatrali wkoll irxuxtat sew u matul l-2015 ġew imtellgħa xejn anqas minn tliet produzzjonijiet: dramm tal-passjoni f'April, rappreżentazzjoni Marjana fuq iz-zuntier tar-Rotunda f'Awwissu u dramm serju bbażat fuq film ta' Alfred Hitchcok f'Ottubru. It-taqsima teatrali tal-Oratorju qiegħda tkun fdata f'idejn *The Drama Group* li huwa fformat minn żgħażagħ li jattendu fl-Oratorju u minn *old boys*. Teżisti wkoll il-paġna ta' Facebook ta' dan il-grupp. Kull min kellu x-xorti li jattendi għar-rappreżentazzjoni li għamlu fil-bidu tal-kwindiċina għall-festa tal-2015 meta tellgħu r-rappreżentazzjoni *Theotokos*, żgur li kellu l-isbaħ xhieda ta' kemm l-Oratorju reġa' qam fuq saqajh.

Dakinhar erġajna rajna lil Dun Anġ, parti interpretata minn Joe Borg, bil-qanpiena f'idu u mdawwar b'ħodon tfal jispjega fuq il-ħajja tal-Madonna u kif din l-Omm tas-Sema interċediet f'bosta waqtiet tal-istorja ta' Malta biex il-Maltin ma jitilfux it-tama fir-rebħa. U dan kollu kien imwassal bl-aqwa effetti awdjoviżivi u ħila teatrali. Meta tkellimt ma' Marvic Camilleri, wieħed mill-protagonisti ta' *The Drama Group*, qalli li,

> Ridna nagħtu lill-pubbliku dak kollu li għallimna Dun Anġ. Lil dawk imdaħħla fiż-żmien tajniehom togħma nostalġika taż-żmien meta kienu jattendu fl-Oratorju. Liż-żgħażagħ tal-lum għednielhom, 'Aħna konna hekk, intom tistgħu terġgħu tiġu hekk'. Ħajja kompluta, attiva u mimlija bis-sens. Jien u Mario Mifsud ipprovdejnielhom il-gwida, imma l-bqija ħallejnielhom l-ispazju kollu fejn jimirħu bl-ideat u l-inizjattivi. (Marvic Camilleri, 2015)

B'danakollu, kif rajna sa mill-ewwel kapitli, id-drama fl-Oratorju qatt ma kienet skop fiha nnifisha, imma dejjem tħaddmet bħala strument li permezz tiegħu jsir l-appostolat fost iż-żgħażagħ. U hawn nerġgħu niġu għas-sistema edukattiva ta' Dun Ġwann Bosco li spjegajna f'kapitlu 6, sistema mibnija fuq ir-reliġjon, ir-raġuni u l-imħabba, u li tagħmel użu mit-teatru, l-isports, il-mużika, l-arti u l-kitba biex tilħaq it-tir ta' edukazzjoni ħolistika. Bla ma trid, tibda tistaqsi lilek innifsek u lil ta' madwarek għadd ta' mistoqsijiet li jiġuk f'moħħok b'mod naturali. Din is-sistema għadha relevanti għaż-żminijiet tal-lum? Tista' terġa' titħaddem biex fuqha jitfassal l-appostolat fost iż-żgħażagħ tal-Mosta? Iż-żgħażagħ tal-lum u t'għada għad għandhom ġibda lejn dawn it-tip ta' attivitajiet? U jekk r-risposta tagħna hija 'iva', allura x'irid jinbidel? Kif nistgħu naġġornaw is-sistemi u l-attivitajiet? Kif għandha l-innovazzjoni titħallat mat-tradizzjoni? Liema huma l-oqsma l-ġodda li rridu ninvestu iżjed fihom? Mill-banda l-oħra, jekk nirrispondu li s-sistema ta' Dun Bosco m'għadhiex aktar relevanti, allura rridu nistaqsu x'se nagħmlu minflokha. Liema huma l-metodoloġiji alternattivi? U x'jista' jaħdem fil-limitazzjoni ta' ħidma pastorali fi ħdan parroċċa? Nemmen li dawn il-mistoqsijiet huma kruċjali fit-tisħiħ, il-manteniment u l-iżvilupp tal-appostolat nisrani fost iż-żgħażagħ Maltin, mhux biss f'termini ta' parroċċa imma wkoll f'dimensjoni djoċesana.

## Prinċipji-gwida

Id-dokument sinodali intitolat *Adoloxxenti u Żgħażagħ* (2003) jistħarreġ il-ħidma tal-Knisja f'Malta f'dak kollu li jikkonċerna l-appostolat ma' din is-sezzjoni speċifika tal-komunità. Filwaqt li jirrikonoxxi li din mhix xi ħidma faċli, imma fl-aħħar mill-aħħar ipoġġi sett ta' prinċipji-gwida għall-ħidma pastorali maż-żgħażagħ. Minn total ta' 29, jien għażilt 20 minnhom li għandhom relevanza diretta mal-ambjent tal-parroċċa, u għalhekk huma ta' interess dirett għall-Oratorju u għall-Mosta.

i. Il-Knisja f'Malta tagħraf li l-ħidma pastorali maż-żgħażagħ hija essenzjali.
ii. Il-Knisja għandha twieġeb għall-bżonnijiet taż-żgħażagħ filwaqt li tagħti l-opportunità liż-żgħażagħ stess biex ikunu parteċipi.
iii. Iż-żgħażagħ fil-Knisja għandhom ikunu *empowered*, inkuraġġiti u mismugħa.
iv. Il-Knisja għandha tassigura li ż-żgħażagħ huma fil-fatt integrati fil-ħajja u l-missjoni tagħha.
v. Iż-żgħażagħ għandhom jagħrfu li r-rwol tagħhom fil-Knisja hu validu u importanti.
vi. Il-Knisja għandha toħroġ minn qoxritha u taqsam l-esperjenza ta' Ġesù ma' dawk li jinsabu barra minnha jew indifferenti lejha.
vii. Irridu ngħixu maż-żgħażagħ il-viżjoni ta' Ġesù.
viii. Irridu noffru modi konkreti biex iż-żgħażagħ jesperjenza id-dixxipulat ta' Ġesù.
ix. Irridu nxerrdu l-valuri insara, fosthom l-imħabba, l-onestà, il-kuraġġ, il-paċi, il-fedeltà, il-kastità, il-ħniena, is-servizz u l-ġustizzja soċjali.
x. Irridu noffru ħbiberija u akkumpanjament spiritwali liż-żgħażagħ biex iħossu l-bżonn ta' ħajja spiritwali.

xi. Irridu li jkun hemm liturġija kreattiva bis-sehem sħiħ taż-żgħażagħ infushom.
xii. Irridu li l-ħidma maż-żgħażagħ tkun strateġika, professjonali u kontabbli.
xiii. Mal-ħidma eżekuttiva, għandu jkun hemm elementi ta' riflessjoni u dixxerniment.
xiv. Għandu jkun hemm iżjed minn strateġija waħda biex jintlaħqu diversi tipi ta' żgħażagħ.
xv. Għandu jkollna mhux biss diversi strateġiji, imma wkoll varjetà ta' programmi u attivitajiet li jindirizzaw il-bżonnijiet u s-sitwazzjonijiet li dejjem jinbidlu taż-żgħażagħ.
xvi. Irridu li jintużaw mezzi differenti ta' komunikazzjoni biex il-messaġġ jasal għand kulħadd b'lingwaġġ li jiftiehem.
xvii. Irridu ninvolvu l-familji, il-parroċċi u gruppi oħrajn reliġjużi, volontarji u dawk li huma involuti fil-ħidma maż-żgħażagħ.
xviii. Għandu jkun hemm qsim tar-riżorsi u kollaborazzjoni bejn id-diversi gruppi u kummissjonijiet li jaħdmu f'dan il-qasam.
xix. Irridu nagħtu importanza lejn ir-relazzjonijiet bejn il-ġenerazzjonijiet fejn iż-żgħażagħ jagħrfu lil xi adulti bħala *mentors* u *role models*.
xx. Filwaqt li tkun imħarsa l-identità partikolari ta' kull grupp, għandu jkun hemm iżjed kordinament u komunjoni bejn dawk kollha involuti.

## Ir-relevanza u l-aġġornament tas-sistema ta' Dun Bosco

Fil-kuntest ta' dawn il-prinċipji-gwida, nemmen li s-sistema preventiva ta' Dun Bosco li bdiet titħaddem fl-Oratorju sa minn mindu twaqqaf fil-Mosta aktar minn 100 sena ilu għadha relevanti għaż-żminijiet tal-lum u t'għada. B'danakollu, kif jixhdu l-istess tixbihat evanġeliċi, il-ħtieġa tal-bidla hija kruċjali,

> Ħadd ma jraqqa' libsa qadima b'biċċa drapp ġdida għax inkella r-roqgħa ssellett il-libsa u t-tiċrita tikber. Anqas ma jqiegħdu l-inbid il-ġdid f'damiġġjani qodma tal-ġild, għax inkella d-damiġġjani jinfaqgħu, l-inbid jixterred u d-damiġġjani jintilfu. Iżda nbid ġdid jitfgħuh f'damiġġjani ġodda u hekk iżommu t-tnejn. (Mt 9, 16-17)

Ma nistgħux inkunu ossessjonati bit-tradizzjoni waqt li nbarru dak kollu li hu ġdid. Maż-żgħażagħ, aktar minn ma' kull sezzjoni oħra tas-soċjetà, irridu nkunu promoturi tal-bidla permezz tal-kreattività u l-innovazzjoni. Minnha nnifisha, is-sistema ta' Dun Bosco għandha kull potenzjalità biex iġġedded il-*hardware* u s-*software* tagħha stess biex tibqa' tiddjaloga mad-dinja ta' żmienna. F'dan il-kuntest, l-Oratorju t'għada ma jistax ikun li jħares mill-kanċell 'il ġewwa – billi jkun medhi fih u bih innifsu – imma għandu jkun impenjat biex jaqdi l-ħidma pastorali tiegħu 'il barra minnu permezz ta' missjoni aktar riskjuża, kreattiva u animata. L-isports, id-drama u l-bqija tal-oqsma tal-arti u x-xjenza għandhom ikunu mezzi ta' kif jinbena karattru żagħżugħ sħiħ – sod fil-fidi u attiv fil-ħajja. Marvic Camilleri spjega tajjeb din il-missjoni,

> L-attivitajiet soċjali, teatrali u sportivi għadhom mezzi effettivi ta' kif tressaq liż-żgħażagħ lejn il-formazzjoni nisranija. Per eżempju kellna żgħażagħ li kienu jiġu l-Oratorju biss għall-ħabta ta' Marzu u April meta nkunu qegħdin nħejju għad-dramm tal-passjoni. Illum uħud minnhom infiltraw f'xi grupp jew ieħor fl-Oratorju, l-aktar fl-*ignite 18+*. Jekk nipprovdulhom l-ispazju u noħolqu l-attivitajiet, iż-żgħażagħ jafu jqumu għall-okkażjoni. L-attività teatrali, jekk tkun addattata għal-lum, xorta tista' tagħtina riżultati sbieħ fil-ħidma maż-żgħażagħ. Biex dan iseħħ irid ikun hawn *leaders* li joffru ftit minn ħinhom u jinvestu fil-*leaders* t'għada. Hekk biss nassiguraw kontinwità. Il-prijorità assoluta għandha tkun il-formazzjoni tal-karattru taż-żgħażagħ permezz tal-ispiritwalità, l-involviment soċjali, it-teatru, l-isports u l-bqija. Li bniedem joħroġ mill-Oratorju fformat tajjeb u ppreparat għall-ħajja huwa l-akbar suċċess għal dan il-post u għal kull min jaħdem fih. (Marvic Camilleri, 2015)

Meta staqsejt lil Monsinjur Joe Carabott, arċipriet tal-Mosta għal aktar minn għoxrin sena, dwar ir-relevanza tal-Oratorju għaż-żminijiet tal-lum, qalli hekk,

> Fiċ-ċirkostanzi soċjali mibdula tal-lum, iċ-ċentri taż-żgħażagħ b'formazzjoni nisranija għandhom ikunu post ta' ħbiberija. Min jiġi se jsib il-ħbieb ta' veru tiegħu għax dan minnu nnifsu huwa valur kbir. Il-ħbiberija ġenwina hija forza kbira. Li post bħal ma hu l-Oratorju joffri dan iċ-ċans li żagħżugħ mar hemm u ħa gost fil-kumpanija ta' ħbieb onesti huwa l-aqwa kontribut li jista' jagħti biex itaffi l-marda ta' żmienna: l-individwaliżmu. Fi żmieni, il-ħabib kien jiġi wara kunjomok. Daqshekk kien importanti għall-identità tal-individwu. Illum xorta oħra għax qiegħed nara li l-ħbiberija qed tkun żvalutata. Wieħed jibqa' d-dar, jara li jrid u jkellem lil min irid u ma jimpurtah minn ħadd aktar. Żagħżugħ li jkollu esperjenza ta' ċentru bħall-Oratorju għandu ċans akbar li jirnexxi fil-ħajja. Naf ħafna żgħażagħ li taw ħinhom u saħħithom hemm ġew u llum għandhom ħajja tajba ma' familthom. Żagħżugħ tal-Oratorju jkollu sodisfazzjon għax qed jagħmel xi ħaġa li jħobb jagħmilha, irid jagħmilha u jaf li huwa appezzat għax jagħmilha. (Mons. Joe Carabott, 2015)

Mill-banda l-oħra, Edwin Vassallo, sindku tal-Mosta u għal bosta snin attiv fl-Oratorju, ipoġġi x-xhieda awtentika tan-nisrani fil-ħajja pubblika bħala l-pern kruċjali li fuqu għandha tistrieħ kull ħidma minn dawk involuti. Lil hinn minn ċentru li jippromwovi t-talenti u l-ħbiberija biex isawwar karattri sodi, għal Vassallo l-Oratorju kien, għadu u jibqa' ċentru ta' fidi nisranija. Liż-żgħażagħ tal-Oratorju tal-lum u t'għada jgħaddilhom din l-istedina,

> Irridu nkunu nsara b'fidi ta' konvinzjoni u mhux b'fidi ta' konvenjenza. Hija l-konvinzjoni li tagħmel id-differenza fil-ħajja u mill-konvinzjoni naslu għall-impenn u mill-impenn għall-azzjoni. Nemmen fin-nisrani li jista' u li kapaċi jieqaf u jistqarr dak li jemmen fih, u meta jagħmel hekk ikun qed iġorr miegħu lil Ġesù [kull fejn ikun]... Nemmen li l-fidi mhix kapriċċ għas-soċjetà iżda neċessità; mhijiex studju dwar ir-realtà tal-ħajja iżda enerġija li toffri soluzzjonijiet għall-problemi. Il-fidi mhix xjenza iżda realtà, direzzjoni, verità li ma nistgħux ngħaddu mingħajrha jekk tassew irridu ngħixu ta' bnedmin. In-nisrani jeħtieġ li

> jieqaf ikun egoist u indifferenti għal dak li qed iseħħ fis-soċjetà. In-nisrani jrid ikollu l-fidi tiegħu li kapaċi tbiddel il-mod ta' kif jirraġuna u jagħmel l-għażliet tiegħu. Irid joħroġ fil-beraħ u jgħix il-fidi tiegħu fix-xogħol. Irid ikun bniedem li jgħix il-valuri umani u fl-ebda waqt ma jista' jagħmel kompromess mal-valuri. In-nisrani ma jistax ikun bniedem li jnissel inġustizzji, imma li jobgħodhom; ma jistax ikun persuna li ma tagħmilx il-ħażin, imma li toġġezzjona għall-ħażen. (Edwin Vassallo, 2015: 90)

Godwin Caruana ta' 40 sena li kien ukoll Segretarju tal-Għaqda Studenti Mostin u llum imexxi kumpanija kummerċjali, filwaqt li afferma li l-Oratorju għandu jibqa' post ta' formazzjoni nisranija, imma fl-istess waqt għandu jinvesti fit-tmexxija biex jibda jopera b'mod semikummerċjali u b'hekk isir vijabbli fiż-żminijiet tal-lum,

> Għandu jkun impjegat *full-time* jew *part-time* li jibda joħloq struttura ta' *management* professjonali fejn ir-riżorsi u l-ispazji kbar li għandu l-Oratorju jintużaw fil-massimu tagħhom. Xogħlu jkun li filwaqt li jibqa' għaddej is-servizz li jingħata fit-tagħlim tad-duttrina, fil-bqija tal-ħinijiet (filgħodu u filgħaxija) l-Oratorju jkun użat minn ħafna iżjed gruppi, organizzazzjonijiet u individwi li jkunu jeħtieġu spazju u faċilitajiet fejn jiltaqgħu u jtellgħu l-attivitajiet. L-Oratorju għandu potenzjal kbir, imma ftit li xejn qed nagħmlu biex nutilizzawh b'modi effettivi u effiċjenti. Dan l-impetus ġdid fit-tmexxija, naturalment, jitlob ukoll impetus ta' rinovazzjoni u mmodernizzar tal-post kollu. Irridu naħsbu ftit *outside the box*. Eventwalment, jekk il-post jitmexxa professjonalment, jibda jservi ta' introjtu għall-parroċċa. (Godwin Caruana, 2015)

Ma' dan il-kunċett jaqbel ukoll l-avukat Manwel D. Schembri, eks President tas-Soċjetà Nicolo Isouard, li frankament qalli li biex ikampaw fiż-żminijiet tal-lum, kemm il-każini tal-baned u kif ukoll iċ-ċentri tal-parroċċa jridu jagħrfu joħolqu bilanċ bejn iż-żamma tat-tradizzjonijiet u l-kummerċjalizzazzjoni tal-attivitajiet u r-riżorsi. Tajjeb li nagħtu kas ta' dawn il-pariri li ġejjin mingħand nies li jħobbu l-Oratorju, waqt li fl-istess ħin huma midħla ta' ambjenti professjonali u kummerċjali. Il-ġejjieni tal-Oratorju ma jiddependix daqstant mill-esperjenza l-imgħoddija, daqskemm mill-innovazzjoni u l-kreattività.

## Il-miri għall-futur

Meta qegħdin nitħaddtu dwar ir-rwol u s-sehem tal-Oratorju fis-soċjetà tal-lum u t'għada, huwa tajjeb li npoġġu oġġettivi ċari u speċifiċi bl-iskop li jixprunaw il-ħidma li ssir u jagħtuha direzzjoni. Grafika 15.1 tpoġġilna disa' miri definiti li huma maqsuma fi tliet settijiet ta' miri: (a) dawk li jiddefinixxu t-tip ta' udjenza li trid tintlaħaq, (b) dawk li jagħtu ħjiel ta' oġġettivi primarji u (ċ) dawk li jagħtu tifsila għall-istil tat-tmexxija. Dan is-sett ta' miri ġie diskuss miż-żgħażagħ li jattendu l-Oratorju fil-preżent.

**Grafika 15.1: Il-miri tal-Oratorju tal-lum u t'għada**




*Mario Thomas Vassallo, 2016*

Kull waħda minn dawn il-miri hija, kif ingħidu bl-Ingliż, *self-explanatory* u *self-exploratory*. Kull mira hija ħafifa biex tiftiehem minn kulħadd u kull waħda minnhom għandha tqanqal ix-xewqa li tkun skoperta mill-ġdid minn perspettivi u metodi differenti. Fuq kollox, huma miri mibnija fuq id-duwaliżmu ta' fatturi kontrastanti: dak li kien u dak li għad irid isir. Passat u futur. Esperjenza u riskju. Qatt ma għandna niċħdu l-passat għax dak huwa tagħna u sawwarna f'dak li aħna llum. Dak huwa kunjomna li writna mill-bieraħ. Fl-istess nifs, qatt ma nistgħu naffordjaw li ma ninbidlux u ma nbiddlux għall-futur għax inkellna nistaġnaw u nsiru irrelevanti. Dak huwa isimna u isem uliedna li jagħtina identità għal-lum u għal għada. Mhux li kien li kulħadd jifhem il-ħtieġa ta' dan il-kuntrast fil-ħajja biex nimxu 'l quddiem flimkien.

## Konklużjoni

U hawn naslu fi tmiem mhux biss ta' dan il-kapitlu imma tal-ktieb kollu. L-istorja u l-istejjer tal-Oratorju jieqfu hawn għal finijiet ta' din ir-riċerka, b'danakollu se jkomplu jiżdiedu u jiġġeddu permezz ta' iżjed ħidmiet fil-ġejjieni. Għalkemm huwa naturali li wieħed jitkellem b'nostalġija meta jsemmi lill-Oratorju, iżda m'għandniex nieqfu hemm. Irridu nitkellmu wkoll bi ħrara għall-ġejjieni għax jinteressana li dak li kien, jibqa' – anzi jevolvi biex ikun relevanti għaż-żminijiet il-ġodda. Minnha nnifisha, din ir-riċerka bilfors li kellha tħares lura biex tiddokumenta storja fuq medda ta' mitt sena. Huwa għalhekk li fil-kapitli kollha kellhom jitħaddmu l-verbi fil-passat. Min mexxa. X'kien organizzat. Min ħa sehem. X'sar u x'ma sarx. X'qalu l-minuti tal-kumitati. X'qaluli l-*old*

*boys*. Kien biss fl-aħħar żewġ kapitli meta ġejna għall-istorja u l-istejjer tal-Oratorju fis-snin elfejn li daħlu fl-azzjoni l-verbi fil-preżent u fil-futur. X'qiegħed isir illum? Min qiegħed imexxi llum? X'tibdil hemm maħsub għal għada? Liema huma l-miri għall-futur? Dan huwa l-qofol ta' kollox. Li kieku qatt ma wżajna il-preżent u l-futur, konna nkunu rrakkontajna l-istorja ta' istituzzjoni mejta. Li darba kienet b'saħħitha, glorjuża u mburġata biż-żgħażagħ, imma llum mejta għax għadha żmienha. Il-passat, għalkemm sabiħ, huwa mejjet. Għandu relevanza biss jekk jevolvi f'xi ħaġa oħra skont ċirkostanzi ġodda. L-Oratorju Qalb ta' Ġesù huwa, u kollox jindika li għandu jibqa', istituzzjoni ħajja fil-parroċċa tal-Mosta. Istituzzjoni mogħnija b'imgħoddi mill-isbaħ imma, fl-istess waqt, iggerjata tajjeb biex taffaċċja l-isfidi tal-preżent u tal-futur. B'sens ta' fidi u umiltà quddiem Alla l-Imbierek u l-komunità li fiha ngħixu rridu nibqgħu impenjati biex nagħmlu l-ġid u nkunu xhieda ta' dak li nemmnu fih permezz tal-appostolat fost it-tfal, l-adoloxxenti, iż-żgħażagħ u l-familji. Santa Marija tgħinna u xxerred fuqna xita ta' grazzji.